# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

**Vs**

**Kyle Schembri**

**Kawza: Kollizzjonijiet**

**Illum: 23 ta` Ottubru 2023.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Kyle Schembri ID 0029498 M bin Brian u Jacqueline nee Cassar mwieled fil-14/01/1998 u joqghod Olive Court Blk C, Fl9, Triq il-Bahhara San Pawl il-Bahar talli fis-06 ta'

Awwissu, 2020 ghall-habta ta' 18:25 hrs fi Triq il-Gradilja Attard soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni KYL 198;

1. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunajt hruq jew ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt xi haga minhabba f'hekk Gesuarda Cassar batgha offiza gravi fuq il-persuna, minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr. Ryan Camilleri MD mill-MDH.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat l-artikolu 328( c) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet ix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni;

Semghet l-imputat;

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

**<u>Gisuarda Cassar xehdet hekk:</u>**

Pros: Sinjura Cassar inti kont involuta f`xi incident?

Xhud: Iva.

Pros: Spjegalna meta u fejn?

Xhud: Awwissu 6 ta` Awwissu 2020.

Pros: fejn bejn wiehed u iehor sinjura?

Xhud: Ta` Qali.

Pros: Ma min kont sinjura?

Xhud: Mar-ragel.

Qorti: Ir-ragel x`jismu?

Xhud: Antonio Cassar.

Qorti: Int kont qed issuq jew passiggier?

Xhud: Passiggiera kont.

Qorti: Kont fejn, quddiem hdejn ir-ragel?

Xhud: Iva.

Qorti: In-numru tal-karozza tafha li kont fiha?

Xhud: Issa insejtu ta`.

Qorti: Fejn kontu intom f`liema triq?

Xhud: Fejn ta`Scouts naf li hu.

Qorti: Ok fhimtek li tispicca finalment Ta` Qali qed tghid?

Xhud: Ehe.

Qorti: Li tibda minn naha tal-Pama?

Xhud: Ehe hemm sigra fejn sar l-accident hemm sigra.

Qorti: X`gara sinjura?

Xhud: Jien naf li konnha sejrin rajna dil-karozza gejja really really speeding ir-ragel daqskemm inkwieta biex ma nahbtux wicc ma wicc dawwar naqra l-isteering umbaghad laqat lili fil-bieba daqsekk kellhom jaqilghu l-bieba u kont muguha hafna.

Qorti: Igifieri l-iehor gie minn faccata?

Xhud: Il-karozza gejja minn faccata imma meta rah gej speeding hafna biex ma nigux wicc ma wicc ir-ragel dawwar naqra l-isteering.

Qorti: Igifieri intkom kontu fit-triqtkom u dawwar l-isteering iktar lejn ir-right biex jipprova?

Xhud: Ghax ma kellux fejn immur in-naha l-ohra so dawwru l`hawn yeah naf li farrakni ghadni bil-krozzi sall-gurnata tall-llum.

Pros: Il-karozza l-ohra min kien qed isuqha?

Xhud: Kyle Schembri le?

Pros: Qed tarfu go din l-awla?

Xhud: Kiber minn dak iz-zmien l`hawn 2 and a half years ago.

Pros: Qed tarfu iva jew le?

Xhud: Not really no jien kont mitlufa uu.

Qorti: Mela x`kellek konsegwenza sinjura?

Xhud: Kissirli ir-ribs id-demm tar-ribs marli fil-lungs la kont nitkellem la xejn saqajja baqet hazin ukoll ghadni bil-krozzi.

Qorti: Voldieri din kienu involuti saqajk int ukoll?

Xhud: Bid-daqqa iva ghax kellhu jaqilghu il-bieba u johorguni id-daqqa hassejtha f`saqajja ukoll, jien nghidlek il-vera lanqas kont naf x`qed jigri f`daqqa wahda rajt dil-karozza.

Qorti: Inti qed tghid dil-karozza taghkhom spiccat total loss, il-karozza propjeta taghkom?

Xhud: Taghna iva tar-ragel, total loss tlifna kollox ahna ghax kien ghamilha third party ghamilt l-isptar 2 weeks.

Pros: M`ghandix ikatr mistoqsijiet.

Avu: Sinjura intkom kontu gejjin mill-liema naha?

Xhud: That way.

Avu: Minn naha ta Ta` Qali?

Xhud: Ehe.

Avu: U kontu direzzjoni direzzjoni fejn?

Xhud: Lejn il-Mosta.

Avu: Issa intkom fuq liema naha tal-karreggata kontu?

Xhud: Left uu imma meta rajnieh gej bi speeding hafna il-karozza,

Avu: Sekonda wahda naqblu li hemm liwja pjuttost kbira u sigra fin-nofs li tizvolgi ghat-triq u ma tantx tista tara warajha?

Xhud: Dangerous hafna taf kemm issiru accidents hemmekk dangerous hafna aqqas naf ghax hemm is-sigra.

Avu: Intkom minn dak in-nahat taghddu spiss jew le?

Xhud: No gieli ghaddejna ahna il-Qawra issa noqghodu dak iz-zmien konnha l-Mosta.

Avu: Imma mhux xi triq li tiffrekwentaw ta` spiss.

Qorti: Il-karozza l-ohra fuq in-naha taghkom tat-triq kienet jew fuq in-naha taghha, il-karozza l-ohra fuq in-naha taghkom tat-triq kienet jew fuq in-naha taghha?

Xhud: I can`t tell you ithappened so quick.

Avu: Naqblu li din il-parti li tizvolgi qisha f`nofs it-triq tigi qisha dawra fejn hemm sigra fin-nofs din li ghadek kif ikkonfermajtli li hija perikoluza hu gie minn warajha naqblu?

Xhud: Hu kien gej minn dik in-naha facing us.

Avu: Intkom kontu wasaltu lejn l-ahhar qabel din il-liwja bejn wiehed u iehor?

Xhud: Qabel is-sigra.

Avu: Bis-sigra difficli tara naqblu kif inhi il-liwja?

Xhud: Imma r-ragel rah gej speeding hafna.

Avu: Imma intkom voldieri inti qed tghidli li kif inhi ma tistax tista tara u intkom fejn?

Xhud: I`m not the driver suppost dawn il-mistoqsijiet lir-ragel qed tistaqsuhom, jien aqqas kont naf x`gara biss jiena kull ma naf li qlajt daqqa li dahhlet fir-ribs il-bieba tal-karozza kellhom jaqilghu il-bieba.

Avu: Inti ghax inti qed tghdili ma tantx taf ezatt x`gara u ma garax, inti indunajt mal-habta naqblu li mal-habta indunajt?

Xhud: U zgur u it happened so fast jigri malajr u jien kull ma rajt il-karozza gejja u tana daqqa li ma nghidlekx ma setghax jieqaf ma kien hemmx brejkijiet.

Avu: Jekk nghidlek li fil-verita intkom kontu aktar lejn in-nofs minhabba il-liwja kif inhi ma tistax toqghod la genbha kontu iktar lejn in-nofs tat-triq imma ma kontux fuq il-left perse?

Xhud: Nahseb u I wasn’t driving.

Avu: Jista jkun imma li kontu lejn in-nofs?

Xhud: Ir-ragel hawn qieghed uu hu iktar jaf x`kien qed jigri.

Avu: U Kyle Schembri ghax inti sememjtu b`ismu ghalkemm mhux qed tarfu semmejtu b`ismu lis-sinjur il Kyle sirt tafu wara ma kontx tafu qabel?

Xhud: Of course not.

**<u>Antonio Cassar xehed hekk:</u>**

Pros: Sur Cassar inti kont involut f`xi incident?

Xhud: Iva.

Pros: Inti x`kont qed taghmel spjegalna kif gara l-incident?

Xhud: Kif rajtu gej bi speed.

Pros: Meta sinjur?

Xhud: Fis-6th August 2020.

Pros: Fejn kontu?

Xhud: Triq ma nafx x`jisimha nghidlek il-verita ghax jien mhux minn hawn.

Pros: Spegalna liema lokalita?

Xhud: Fejn Scout Club fejn il-gibjun Ta` Qali.

Pros: Inti x`kont qed taghmel sinjur?

Pros: Kont qed insuq, tiftakar in-number plate tal-karozza tieghek?

Xhud: Not really le.

Pros: Min kellek mieghek passiggier?

Xhud: Il-mara.

Pros: U x`gara, ha norik sketch hawnekk spjegalna liema kienet il-karozza tieghek u mill-liema direzzjoni kont gej ghamlilna vlegga?

Xhud: Jien gej minn hawn hu kien gej minn hawn wasalt s`hawn jien hu kien gej minn hawn biex nevitah jien kelli nitfa fuq ir-right ghax kien hemm sigra u kellha ic-cint ma stajtx immur fuq il-left.

Qorti: Dak minn fejn kont gej int?

Xhud: Ehe.

Qorti: Issa ghedtli li kien hemm sigra, is-sigra fejn kienet?

Xhud: Is-sigra kienet fuq il-left.

Qorti: Il-left tieghek fejn imma, fuq l-isketch tista tnizzel fejn kienet ghamel ittra jew cross? Is-sigra fit-triq qeghda laterali?

Xhud: Iva.

Qorti: U inti rajtu gej faccata tieghek?

Xhud: Iva.

Qorti: U mort to the right?

Xhud: Mort to the right.

Qorti: Ghax ma stajtx tmur to the left?

Xhud: Ma stajtx le gahx hemm is-sigra.

Pros: Min kien qed isuqha l-karozza l-ohra sinjur?

Xhud: Mr. Schembri.

Pros: Qed tarfu go din l-awla?

Xhud: Iva.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Pros: Spjega lil Qorti x`gara meta rajt dik il-persuna li indikajt?

Xhud: Kelli nidhol right u ma lhaqtx dhalt u hadni fil-genb in-naha tal-passiggier.

Pros: Min hadek fil-genb?

Xhud: Mr. Kyle bil-karozza.

Pros: Umbaghad x`gara sinjur?

Xhud: Umbaghad giet l-ambulanza u hadet il-mara l-isptar ghax kienet wegget kissret il-kustilji.

Pros: Igifieri x`gara il-mara u x`gara il-karozza sinjur?

Xhud: Il-karozza kellhom ikissru l-bieba.

Avu: Inti kont gej minn naha ta`Ta`Qali lejn in-naha tal-Mosta naqblu?

Xhud: Ijja ezatti.

Avu: Issa midhla ta dik it-triq inti midhla taghha jew le?

Xhud: Jiena il-mara xehdet qabel inti kontu tghixu il-Mosta kontu fl-antik pero ma kontux taghddu minn hemm ta spiss voldieri midhal taghha perse mintix daqsekk dik it-triq ma tantx kontu taghddu ta `spiss?

Xhud: U le ma tantx konha naghddu ta `spiss.

Avu: Issa inti kont fuq il-karreggata tax-xellug fuq il-lane tax-xellug?

Xhud: Iva.

Avu: Spejagajt li kien hemm qisu gibjun qed nassumi li inti qed tghid ghal-din il-parti,

Xhud: Taqbez il-gibjun.

Avu: Il-gibjun bhala deskrizzjoni hija fejn hemm is-sigra u l-parti li tohrog hafna barra din it-triq?

Xhud: Trid tohrog bilfors ghax inkella ma tarax min gej.

Avu: Orajt, issa naqblu li inti biex tara wara dak il-gibjun fejn hemm dik is-sigra il-kbira wara ma tantx tista tara naqblu?

Xhud: Ijja.

Avu: Voldieri issakat lejn ix-xellug ma tantyx tista toqghod kif inhi trid toqghod iktar lejn in-nofs biex ikollok naqra vista ta` x`gej?

Xhud: Ijja.

Avu: Issa naqblu li minn fejn kien gej is-sinjur voldieri minn naha l-ohra fejn eventwalment inti spiccajt hemm fetha mhux zghira fejn hemm hafna garaxxijiet?

Xhud: Ijja ezatt.

Avu: Xejn iktar mix-xhud.

**<u>Kyle Schembri, xehed hekk:</u>**

Avu: Mela Kyle jekk tista tispjega naqra voldieri id-data meta gara l-incident bejn wiehed u iehor il-hin minn fejn kont gej eccetra intix midhla eccetra u jekk ghandek xi dokumenti li jistghu jghinu l-Qorti u ha taghmel refrenza ghalihom tipprezentahom?

Avu: Inti dawn sett ritratti li hadt inti? ir-ritratti biss ipprezenta,

Xhud: Iva.

Avu: U meta haddthom dawn ir-ritratti?

Xhud: Hadt batch ritratti il-bierah tat-triq miftuha biex naghti deskrizzjoni tat-triq kif ukoll ghandi ritratti ta l-accident tal-gurnata kif gara l-incident.

Qorti: Kemm gahndek ritratti? mela ghamilli 2 batches ritratti tat-triq batch u ta` li gara dak in-nhar batch iehor, mela bhala DOK KS umbagahd 123 tat-triq haddthom il-bierah umbaghad l-ohrajn ghamiluli SK 123 eccetra.

Xhud: Ok sinjura.

Avu: Ir-ritratti ta’ dak in-nhar tal-incident inti ukoll haddthom?

Xhud: Dawn apparti.

Avu: Mela Kyle jekk tista tispjega minn fejn kont gej eccetra u tindika kif kont qed issuq u fejn kont qed issuq eccetra eccetra?

Xhud: Mhux problema il-gurnata kien il-Hadd 5.30pm kont qed insuq lejn id-dar ghax jien lokali minn hemmekk nghix Triq Victor Vassallo naghddi minn dik it-triq kuljum kont ghaddej minn hdejn l-Scouts kif naqbez l-isleeping police sintendi kont ghaddej bi speed naqra baxx meta nigi ghall-liwja kif ipprezentat f`l-ewwel batch tad-dokumenti peress li nghix hemmekk inhobb inhares mil-gap tas-sigra ghax jigu t-trailers normalment so toqghod naqra attent kif qed nikser il-liwja il-karozza,

Qorti: Mela inti liema naha kont sejjer?

Xhud: Jiena kont gej minn naha tal-Pama sejjer ghan-naha ta` Hat-Attard ghad-dar,

Qorti: Ghan-naha ta` Ta`Qali?

Xhud: Ezattament, kif naqbez l-ispleeping police u gej ghal-liwja qed inhares bejn il-gap wara is-sigra ezatt giet l-karozza naqra speedjata u biex tevitani ippruvat,

Qorti: Ghaliex kellha tevitak?

Xhud: Ghaliex ma rawniex gej ghaliex meta kienu ha jigu fil-kissra huma they were already in the middle of the road allura jiena biex flok nevitaghhom i sudden break u huma bix-xokk they went straight to the Stop Sign kif hemm prezentata fl-accident meta hadt id-daqqa lanqas biss setgha jieqaf kompletament infatti il-karozza tieghi kull m`ghandha mudguard u l-karozza tieghu ghandu il-mudguard ta` quddiem u l-bieba ta` quddiem u l-bieba ta wara li kienu milqutin ghax he hit me to the very side, kif umbaghad hrigt mil-karozza u ghedtlu isma x`gara qalli ma nafx ma nafx ma nafx qalli jiena mhinix minn hawnekk qalli lanqas biss naf fejn qieghed cempilt lil papa` tieghi mal-ewwel sintendi li jghix hemmekk in 2 minutes gie within those 2 minutes kien ghadu ma marx jassisti lil mara, jiena kont qed inkellem lil mara umbaghad ilhaqna cempilna l-ambulanza kif induna li l-mara wegget gravi umbaghad fejn isserjajna u bdejna nistennew l-ambulanza ghamilt around 2 hours hemmekk nistenna l-pulizija ituni ir-release umbaghad qaluli inkun nista nitlaq u l-pulizija qaluli li m`hemmx griehi gravi.

Avu: Voldierio minn dak li ghedt inti qed tghid li d-driver l-iehor dar to his,

Qorti: Hu qal li l-iehor kien ghan-nofs tat-triq kien gej bi speed kbir u biex jevitah mar to the right,

Xhud: Fejn hemm il-garaxxijiet, ma kelliex post fejn nimmanuvra la stajt immur lejn Stop Sign jiena u hu baqa sejjer fil-karregata

tieghu ghaliex hu umbaghad kompla isuq fil-karreggata tieghi so ma kelliex option ohra.

Avu: Voldieri ghalkemm to your left hemm fetha kif saq hu dik l-opportunita tal-fetha ma kellekx.

Avu: Daqsekk mil-imputat.

Pros: Tiftakar x`data kienet sinjur?

Xhud: Iva 6 ta` Awwissu 2021 and it was around 5.40 pm.

Avu: Inti ghamilt xi kjarifika jew hekk?

Xhud: Iva ghaliex meta gew il-pulizija jien bdejt nispjega il-pulizija l-istess li qed nispjega hawnekk and when you`re passing through it biex jiena u nhares lejn il-gap irrid inhares fuq il-mera tax-xufier biex nara dik il-gap minn naha tad-driver window u fir-report il-pulizija kiteb li jien kont nhares fil-mera waqt li hbatt kif ircevejt ir-rapport minghand il-pulizija awtomatikament mort l-ghassa ta` B`Kara u appdejtjajt ir-rapport ghaliex ma qbiltx mieghu u infatti ghandi l-update ukoll tar-rapport.

Avu: U dan l-update qieghed ghandek tisdta tipprezentah?

Xhud: Iva.

Avu: Inti qed tghid malli ircevejt il-kopja tar-rapport mort mal-ewwel?

Xhud: Iva.

Pros: Qed nurik ir-ritratt ta` DOK SK 1 spjegalna inti mill-liem naha kont gej?

Xhud: Jien kont gej minn naha tal-Scouts minn naha tal-Pama.

Pros: Dal punt li semmejt li qed thares lejn il-mera spjegalna ghalfejn kont qedthares lejn il-mera inti?

Xhud: Ma kontx qed inhares lejn il-mera infatti kif spjegajt il-pulizija kont qed inhares fuq il-mera peress li hemm is-sigra hemm gap bejn is-sigra fejn tista tara faccata tat-triq sewwa peres li jiena naghddi minn hemmekk niccekkja hafna dik it-triq ghax naf kemm hija perikoluza biex nara jekk hux gejjin xi trakkijiet.

Pros: Waqt li kont qed taghmel dil-manuvra zammejt mas-sidek inti sinjur?

Xhud: Iwa ta ghax kif qed tara fir-ritratt qieghed wieqaf it was very much clear in my own lane.

Qorti: Inti qed tghid li inti kont u bqajt fil-lane tieghek?

Xhud: Hekk hu.

Qorti: U l-iehor kien gahn-nofs tat-triq u mar to the right biex jipprova jevitak?

Xhud: Ezattament ghax kieku ma evitaniex konnha nigu head on.

Qorti: Igifieri dan mar totally wrong side qed tghid int?

Xhud: Iva.

Ps 1526 xehed permazz ta affidavit fuq l-involviment tieghu f' dan il-kas.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat kien car hafna dwar kif sehh l-incident u li hu kien fuq in-nahar tieghu tat-triq.

Illi Gesuarda Cassar ma kenitx taf tixhed dwar il- posizzjoni tal-

vettur li kienet fiha hi  misjuqa minn Antonio Cassar ( JBB024)

Antonio Cassar ma kienx cert fix-xhied tieghu u di piu , l- Qorti qed tiskarta kwalsijasi xhied tieghu dwar l-posizzjoni tal- vettura tal-imputat qabel l-impatt stante li kien hemm direzzjoni diretta lix-xhud mill-prosekuzzjoni dwar dan .

Jideher li hemm konflitt ta’ provi serja  dwar kif sehh l-incident u mhemmx il- grad ta’ provi rikjest mill-ligi sabiex l-imputazzjoni tigi ippruvata “beyond a reasonable doubt”.

Inoltre, c-certifikat mediku Dok A hu dwar Joyce Cassar u mhux Gesuarda Cassar

## Decide

Ghaldaqstant  ms issibx lil Kyle Schembri hati tal- imputazzjoni u qieghda konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena .

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**